MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Numru. 971/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joe Abdilla)**

**versus**

**Mario Mifsud**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Mario Mifsud ta' 36 sena, bin Carmelo u Carmen nee Mangion imwieled Pieta' fit-13 t'Awissu 1969 u li joqgħod numru 34 B 'Shalom' Triq il-Familja Brincati Mqabba detentur tal-karta ta' l-identita' 330369 (M) akkużat

Talli fis-26 t'Ottubru, 2005 u fil-ġranet ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa Malta, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet

differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew maħgmula b'riżoluzzjoni waħda

(i) iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin meta kien jaf li huma falsifikati u dan bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kap 204 u ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva imgħand xi persuna kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu biljetti tal-flus Maltin falsifikati meta kein jaf li l-istess huma falsifikati u dan bi ksur ta' la-rtikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħadd ieħor jew ta' krediti immaġinarji jw sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' anqas minn Lm100 għad-dannu ta' JCC Service Station taż-Żejtun u idversi pompli tal-petrol u sidien tal-petrol stations oħra u dan bi ksur ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi kkommetta serq ta' diesel jew petrol minn għand JCC Service Station taż-Żejtun u pompi tal-petrol oħra, għad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni oħra, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-ħin u bil-lok u dan bi ksur ta' l-artikolu 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement leqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jw akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxihom jew ibiegħhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 18 u 364 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex ġentilment, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, todna l-konfiska ta' l-oġġetti esibiti kif ukoll sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 jekk jinħatru periti fil-proċeduri.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju. Wara li ngħata żmien biċċejjed biex jaħsibha l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

3. Rat ukoll it-tliet karti ta' Lm foloz mmarkati dok IJA 1, l-istqarriaj ta' l-imputat dok IJ2, sett ta' 12-il ritratt mmarkati dok IJA 3 u l-fedina penali ta' l-imputat dok. IJA4.

4. Rat id-dikjaraazzjoni tad-derubat David Mifsud li huwa rċieva Lm15-il liraminn għand l-imputat, liema Lm15 kienu mgħoddija lill-Ispettur waqt l-investigazzjoni kif jirriżulta mill-istqarrija ta' l-istess imputat.

5. Rat l-istqarrija tad-difiża li l-ammissjoni kienet qed issir għall-ammont ta' Lm15 biss li kienu mogħtija lill-Ispettur waqt l-investigazzjoni.

6. Rat il-verbal ta' l-1 ta' Diċembru, 2005 li fih dawn il-proċeduri tħallew għas-sentenza;

7. Semgħet lill-Ispettur Ian J Abdilla bil-ġurament li xehed li kien qed jippreżenta tleit karit tal-Lm5 (ħames liri foloz) li kienu ġew elevati minn ġewwa l-pompa tal-petrol JCC Service Station flimkien ma' l-istqarrija ta' l-imputat. Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuan li għamlet l-istqarrija. Għal mistqosija mid-difiża, l-Ispettur xehed li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija u li kien ikkompensa mill-ewwel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. Ġaladarba l-imputat ammetta l-akkużi kontrih, japplika l-artikolu 392 A tal-Kap 9 u din il-Qorti minn waħda Istruttorja ssir Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

9. Stante li l-imputat ammetta l-akkużi kontrih, dawn l-akkużi kienu ippruvati skond il-Liġi

10. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (b), 17(h), 18, 263, 269 (c), u 270, 308, 309, 310 u 334 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 45 proviso u 46 tal-Kap 204 tal-Liġijiet ta' Malta, stante l-ammissjoni ta' l-imputat issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li l-ħames imputazzjoni għandha titqies bħala alternattiva għar-raba' imputazzjoni.

11. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, u l-fatt li huwa kkompensa lil JCC Services bi ħmistax-il lira Maltija (Lm15) waqt l-investigazzjoni stess bħala fatturi pożittivi.

12. Tqis bħala fattur neggativ li l-azzjoni saret f'żewġ dati differenti.

13. Il-Qorti, wara li rat l-artikol 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija u tordna li din is-sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor punibbli bi priġunerija. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A lill-imputat fi kliem sempliċi.

14. Il-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-kap 9 tordna l-konfiska kif ukoll id-distruzzjoni tal-flus esibiti u din id-distruzzjoni ssir taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qrati, liema distruzzjoni għandha ssir fil-preżenza tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali jew rappreżentant tiegħu. Ir-Reġistratgur għandu jippreżenta rapport li għandu jidħol fl-atti ta' din il-kawża. Għaldaqstant qed tordna lir-registratur ikun notifikat b'kopja ta' din is-sentenza.

15. Minħabba li ma saru ebda ħatriet ta' esperti matul il-proċeduri, il-Qorti mhix ser tapplika l-artikolu 533.

16. A tenur ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kap 9, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza (flimkien ma' l-atti kollha) tintbagħat lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------